MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 324/2005

**A**

**-vs-**

**B et**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-attrici nomine ppremettiet:

Illi fid-29 ta' Settembru 2005 twieled X kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A).

Illi omm il-minuri l-attrici A hija mart il-konvenut Cpero hija legalment isseparata minnu permezz ta’ kuntratt kopja ta’ liema jinsab esebit bhala Dok B.

Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid il-konvenut C huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifel minuri imsemmi u dan minhabba l-presunzjoni li min jitnissel fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi kif kontemplat fl-artikolu 67 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza, l-missier naturali tal-minuri imsemmi m’huwiex il-konvenut C pero il-konvenut l-iehor D.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

i) Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenut C m’huwiex il-missier naturali tal-minuri X pero tiddikjara illi l-missier naturali tieghu huwa D.

ii) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri X billi, f’dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta’ missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija jitnizzel “D”, fejn hemm miktub il-professjoni ta’ missier il-minuri jitnizzel “nursing aid”, fejn hemm miktub fejn twieled jitnezzel “Siggiewi”, fejn hemm miktub fejn joqghod jitnizzel “Bugibba”, u fejn hemm “Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet” (missier il-missier tat-tarbija), jitnizzel “D (haj)”.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fl-14 ta’ Novembru, 2005 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponenti mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi l-attrici tispecifika kemm kellu eta fid-data tat-twelid tat-tarbija u n-numru tal-karta ta' l-identita ta' l-allegat missier naturali l-konvenut D biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dawn ikunu jistghu jigi inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi l-interessi tal-minuri ghandhom jigu rapprezentati minn kuraturi stante jista' jkun hemm kunflitt ta' interess.

4. Illi fit-talbiet attrici ghandu jigi specifikat n-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att ta' Twelid in kwistjoni.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti l-ohra huma kontumacji billi ma ppresentawx nota ta' l-eccezzjonijet ghalkemm notifikati debitament.

Rat l-atti processwali, u senjatament l-affidavits ta’ l-attrici u ta’ D.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ April, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob li jigi korrett ic-certifikat tat-twelid tal-minuri msemmi billi ma huwiex iben zewgha, minnu legalment separata izda tal-konvenut C illi qed jaqbel ma’ dan fl-affidavit tieghu.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deciza fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk;

“*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mall-konvenut ... fl-istess waqt li f’dak iz-zmien ma kellhiex x’taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost ohrajn 30 ta’ Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta’ l-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili, mehuda ma’ dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f’mohh il-Qorti dwar il-paternita’ tat-tarbija.*”

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f’dan il-kawza u ma hemm ebda dubbju dwar it-talba ta’ l-attur.

Rigward l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku l-Artikolu 254 japplika ghall-korrezjonijiet li jsiru skond il-procedura ndikata fl-artikolu precedenti u mhux f’kawzi simili.

Ikun tajjeb pero’ li tigi segwita l-procedura msemmija fl-Artikolu 256 li ser tigi ordnata minn din is-sentenza u cioe’

li d-Direttur ikun obligat li jaghmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid fi zmien ghaxart ijiem li jigi notifikat b'kopja vera tas-sentenza stess.

**Ghaladqstant il-Qorti fl-amissjoni tal-konvenuta;**

**1. tiddikjara lill-konvenut D missier naturali tal-minuri Antoine;**

***2.*** **tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jirregistra l-korrezzjonijiet necessarju fl-att tat-twelid numru 3171 tal-2005 billi jigu mnizzla l-konnotati tal-konvenut D minflok C u dan fi zmien ghaxart ijiem minn meta l-istess Direttur jigi notifikat mill-attur bil-konnotati tieghu u b'kopja vera ta' din is-sentenza mill-istess attrici.**

**L-ispejjes jinqasmu ugwalment bejn l-attrici u l-konvenut C li pero' ghandhom ihallsu solidalment bejniethom l-ispejjes tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------